

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Il-Każ M.8879 — JERA Trading/LNG Optimisation)
Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
(2018/C 277/07)**

1. Fil-31 ta' Lulju 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽¹⁾.

Din in-notifika tikkonċerha l-impriżi li ġejjin:

- JERA Trading Pte Ltd (“JERA Trading”, Singapore), ikkontrollata b'mod konġunt minn Jera Co. Inc. (“JERA”, il-Ġappun), u EDF Trading Limited (“EDFT”, IR-RENJU UNIT).
- LNG Optimisation (ir-Renju Unit), tappartjeni għal EDFT, li min-naħħa hija sussidjarja kompletament proprjetà ta’ Electricité de France SA (“EDF”, Franzia).

JERA Trading takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku tan-negożju fil-kummerċ u l-ottimizzazzjoni tal-LNG ta’ EDFT (“LNG Optimisation”).

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta’ assi.

2. L-aktivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- JERA Trading hija attiva fil-kummerċ u l-ottimizzazzjoni tal-faħam u l-merkanzija, li jinvolvi faħam fiżiku u prodotti finanzjarji. Din hija kkontrollata b'mod konġunt minn JERA, li hija attiva fix-xiri ta’ LNG u komoditajiet oħra għall-kumpaniji prinċipali tagħha, Tepco Fuel & Power, Inc. u Chubu Electric Power Co., Inc., żewġ kumpaniji Ġappuniżi tal-utilitajiet, u EDFT, kumpanija li tagħmel kummerċ fl-LNG u komoditajiet oħrajn fis-suq bl-ingrossa u tottimizza l-assi għall-kumpanija prinċipali tagħha, EDF,
- LNG Optimisation hija attiva fil-kummerċ u l-ottimizzazzjoni tal-LNG.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż mill-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta’ ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004⁽²⁾ jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta’ din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejjha tigħiex dejjem spesifikata:

M.8879 — JERA Trading/LNG Optimisation

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta’ kuntatt ta’ hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

⁽¹⁾ ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

⁽²⁾ ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.